# PRIM’AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**

**ONOR. DR DAVID SCICLUNA LL.D. MAG. JUR. (EUR. LAW)**

**Seduta ta’ nhar il-Gimgha, 23 ta’ Frar 2001**

**Numru 49**

**Citaz. numru 1480/93 DS**

Leonard Cassar bhala Direttur ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta` Raca Limited
vs
Francis Vella u Joseph Vella bhala Diretturi ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta` Express Trailers Ltd., u b’digriet tat-2 ta’ Marzu 1994 giet kjamata in kawza s-socjeta` estera “DE RIJKE MEDITERRANEE” kif rapprezentata minn Francis Vella u Joseph Vella ghan-nom u in rapprezentanza ta’ Express Trailers Limited, u b’digriet tas-26 ta’ Awissu 1994 l-Avukat John Mizzi u l-Prokuratrici Legali Josette Miceli Farrugia gew nominati bhala kuraturi 0biex jirrapprezentaw s-socjeta` De Rijke Mediterranee

Illum, 23 ta’ Frar 2001

Il-Qorti,

Rat ic-citazzjoni pprezentata fid-29 ta' Ottubru 1993 li permezz taghha l-attur nomine wara li ppremetta:

Illi s-socjeta' attrici inkarigat lis-socjeta' konvenuta ggorr u tittrasporta minn Franza merkanzija konsistenti f'27 Colli Clothing skond kif jirrizulta mid-Delivery Order hawn annessa bhal Dokument "A";

Illi meta nfetah it-trailer B\L Numru 015, irrizulta li l-merkanzija kienet nieqsa u\jew danneggjata kif jirrizulta mis-Survey Report hawn anness bhala Dokument "B" u bhala rizultat ghalhekk l-attur nomine sofra danni;

Illi ghal dawn id-danni hija responsabbli s-socjeta konvenuta kif jigi ppruvat ulterjorment waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

Illi s-socjeta konvenuta mitluba taghmel tajjeb ghad-danni baqghet inadempjenti;

talab lil din il-Qorti ghar-ragunijiet premessi:

1. Tiddikjara s-socjeta konvenuta responsabbli ghan-nuqqasijiet u hsarat fil-merkanzija u ghad-danni konsegwenzjali;

2. Tillikwida d-danni sofferti mis-socjeta' attrici jekk hemm bzonn permezz ta' periti nominandi;

3. Tikkundanna s-socjeta' konvenuta thallas lis-socjeta' attrici d-danni hekk likwidati minn din il-Qorti;

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali kontra l-konvenuti nomine li minn issa huma ngunti ghas-subizzjoni.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenuti nomine fejn qalu:

Illi preliminarjament ghandha tigi kjamata fil-kawza s-socjeta estera De Rijke Mediteranee ta' Franza li kellha t-trailer in kwistjoni fil-pussess taghha meta nsterqu xi oggetti mertu ta' din il-kawza.

Fit-tieni lok u minghajr pregudizzju ghal-premess l-attur jrid jgib prova li hu sofra telf inoltre l-eccipjent mhux responsabbli ghan-nuqqasijiet in kwistjoni u f'ku;ll kaz, jekk dawn ma gewx konsenjati lill-attur noe, dan kien ghal ragunijiet li l-eccipjent ma setghax jevita u li ghalihom ma kellu ebda tort jew htija.

Fit-tielet lok u minghajr pregudizzju ghall-premess u in linea sussidjarja, f'kaz ta' responsabilita, l-ammont li jigi dovut ghandu jigi ikkalkolat tenut kont tal-"weight limitation" skond ir-regoli li ghandhom x'jaqsmu mat-trasport in kwistjoni.

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-digriet tat-2 ta' Marzu 1994 li permezz tieghu giet kjamata in kawza s-socjeta` estera "De Rijke Mediterranee" kif rapprezentata mill-konvenuti Vella nomine;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonjiet tal-konvenuti Vella nomine in rapprezentanza ta' l-imsemmija socjeta` estera fejn qalu:

Illi huwa m'hux responsabbli ghan-nuqqasijiet in kwistjoni u konsegwentement t-talbiet tal-attur huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu respinti.

Fit-tieni lok u minghajr pregudizzju ghall-premess u in linea sussidjarja l-ammont mitlub huwa esagerat u ghandu jigi kalkolat a bazi tar-regolamenti tac-CMR li jirregolaw t-trasport de quo.

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-digriet sussegwenti tas-26 ta' Awissu 1994 li permezz tieghu gew nominati l-Avukat John Mizzi u l-Prokuratrici Legali Josette Miceli Farrugia bhala kuraturi sabiex jirrapprezentaw lis-socjeta` estera "De Rijke Mediterranee";

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet ta' l-imsemmijin kuraturi fejn qalu:

1. Illi prezentement huma mhux f'pozizzjoni li jikkontestaw it-talbiet attrici, peress li mhux edotti mill-fatti, fil-waqt li jirrizervaw li jipprezentaw eccezzjonijiet fi stadju ulterjuri meta jkunu hekk edotti mill-fatti;

Salve eccezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjez.

Rat id-digriet tal-21 ta' Frar 1995 li permezz tieghu gie nominat l-Avukat Dottor Tonio Grech bhala perit legali sabiex ifittex u jirrelata dwar il-fondatezza tad-domandi attrici, wara li jiehu konjizzjoni ta' l-

eccezzjonijiet, u jaghmel l-osservazzjonijiet kollha li ghandhom x'jaqsmu mal-kaz;

Rat ir-relazzjoni minnu mahlufa fit-12 ta' Lulju 2000;

Rat l-atti l-ohra tal-kawza u d-dokumenti esibiti;

Ikkunsidrat illi:-

Mill-provi jirrizulta li s-socjeta` attrici kienet inkarigat lis-socjeta` konvenuta Express Trailers Ltd. biex tittrasportalha hwejjeg minn Franza ghal Malta. Meta l-merkanzija waslet Malta nstabu diversi nuqqasijiet u dak li kien fadal kien danneggjat (erba' kartuniet li kienu mxarbin skond is-*survey report* Dok. B a fol. 7 sa 10). Pero` skond Francis Vella, direttur ta' l-Express Trailers Ltd., huma taw it-trasport b'suppalt lis-socjeta` kjamata fil-kawza De Rijke Mediterranee. Huwa jghid hekk:

> *"F'dan il-kaz mill-file tieghi jirrizulta illi l-agent taghna ta' barra, cioe` Central Express ta' Parigi, kienu gabru x-xoghol minghand is-supplier u haduh fil-groupage depot taghhom bhalma solitament isir f'konsenji zghar li ma jimlix trailer.*
>
> *Minn hemm ahna konna nkarigajna lil sub-contractor taghna, De Rijke Mediterranee, sabiex jigbor ix-xoghol minghand is-Central Express bhala groupage u dan jigi mghobbi gewwa l-groupage trailer ETM 57.*
>
> *Id-driver inkarigat minn De Rijke Mediterranee, cioe` Mr. Jacques Zalinskili, kien qed isuq tractor unit 9196PNIF u jigbed it-trailer ETM 57 u mar ighabbi fit-30 ta' Ottubru minn Parigi minghand id-depot tas-Central Express u wasal Marsilja s-Sibt 31 ta' Ottubru 1992.*
>
> *Meta wasal il-compound ta' De Rijke Mediterranee, li kien qieghed Saint Quentin Vallerier, cioe` vicin Marsilja, huwa dahhal it-trailer gewwa l-compound billi dakinhar kien is-Sibt u l-vapur kien jitlaq it-Tnejn 2 ta' Novembru 1992.*
>
> *Meta huwa wasal il-compound, billi t-trailer kien mghobbi, huwa pparkjah gewwa l-compound li huwa ndikat fl-isketch li qed jigi anness ma' dan l-affidavit. It-trailer kien ipparkjat b'dahru mal-hajt ta' bungalow li hemm fil-post.*
>
> *It-Tnejn 2 ta' Novembru 1992 filghodu l-Manager tal-compound, Hass Jean Paul, sab illi l-canvas top trailer kellu l-incirata maqtugha u kien hemm evidenza ta' nuqqasijiet mill-kontenut tal-groupage trailer.*

*Fl-istess okkazjoni inota illi parti mill-hajt tal-compound fejn kien qieghed it-trailer kien gie breached. Ma' genb il-compund ta' De Rijke hemm ompound iehor tad-ditta Fraikin. Fil-hajt li jiddividi dawn iz-zewg compounds kien hemm evidenza ta' qtugh tal-wire guards u dan huwa ndikat fuq l-iskizz imsemmi bil-kliem 'grillage abrache'."*

Ma' l-istess affidavit Francis Vella esebixxa kopja tar-rapport tal-Pulizija Franciza.

Jigi osservat, kif tajjeb innota l-perit legali, li din il-kawza hija indentika ghal kawza ohra deciza minn din il-Qorti diversament presjeduta fl-10 ta' Lulju 1995 fl-ismijiet "Paul Musu noe vs Francis Vella et noe et" (Citaz. Nru. 19/93 F). Bhal f'dak il-kaz, is-socjeta' Express Trailers Ltd. fl-ebda waqt ma kienet informat lis-socjeta` attrici li kienet se taghti x-xoghol ta' trasport b'suppalt lil xi kumpanija ohra. F'dik is-sentenza ntqal hek:

***"Fi kliem iehor, jekk tassew kien hemm dan is-subappalt, kollox sar ad insaputa u minghajr ebda fehim ma' l-attur nomine, li ghalih kull ftehim f'dan is-sens kien ghalhekk 'res inter alios acta'. Il-konvenuti nomine ma resqux provi sufficjenti li ghamlu ta' lanqas diligenza minima biex jizguraw li kollox imur tajjeb. Ighidu li f'Marsilja kien hemm azzjoni industrijali u li t-'trailer' kellu jinzamm ipparkeggjat barra – izda ma jghidux jekk saritx sorveljanza. Lanqas indenjaw izommu lill-attur nomine nfurmat b'dak li gara. Kien jispetta lill-konvenuti nomine li almenu jippruvaw li, lis-socjeta` li jghidu li nkarigaw kienet wahda rispettabbli. Mhux bizzejjed li jallegaw li qabdu minn rajhom lil haddiehor u b'hekk jippretendu li allura helsu u ezoneraw lilhom infushom minn kwalsiasi responsabbilta` lejn il-parti li nkarigathom bit-trasport de quo. Id-dritt ta' azzjoni tal-konvenuti nomine kontra s-socjeta` kjamata in kawza tezisti imma ghal fini ta' responsabbilta` versu l-attur nomine jibqghu responsabbli huma u mhux it-terz."***

Ghalkemm f'dan il-kaz ma giex allegat li kien hemm xi azzjoni industrijali u li t-trailer gie pparkeggjat fil-compound tad-De Rijke Mediterranee, ma ngabet l-ebda prova dwar x'mizuri ta' sigurta` seta' kellha din is-socjeta` biex tevita li jsir serq minn gol-compound. Anzi mir-rizultanzi jidher li kien hemm nuqqas kbir ta' tali sigurta`.

Fid-dawl tas-suespost ghalhekk m'hemm l-ebda dubju li s-socjeta` Express Trailers Ltd. ghandha tinzamm responsabbli ghad-danni sofferti mis-socjeta` attrici.

Leonard Cassar, direttur tas-socjeta` attrici, xehed u esebixxa dokumentazzjoni relattiva li turi li s-socjeta` attrici hallset is-somma ta' 122,512.45 Frank Franciz ghal 27 pakki hwejjeg tal-marka Kookai. Waslu Malta biss erba' pakki li l-kontenut taghhom ma setax jinbiegh u skond ix-xhud nghata lil xi istitut karitatevoli. Fuq l-erba' pakki thallas dazju fl-ammont ta' Lm126.61 oltre Lm6 bhala freight, filwaqt li ghas-survey report is-socjeta` attrici hallset Lm30, total ta' Lm162.61 oltre l-prezz tal-hwejjeg.

Gie eccepit li f'kaz ta' responsabbilta`, l-ammont tad-danni ghandu jigi kalkolat a bazi tar-regolamenti tas-CMR li jirregolaw it-trasport de quo.

Fir-relazzjoni tieghu l-perit legali jsostni li mid-dokumenti esebiti m'hemmx dubju illi l-kuntratt ta' garr tal-merkanzija in kwistjoni huwa regolat mir-regolamenti CMR.  Huwa fil-fatt ighid:

"Artikolu 1.1 tal-Convention on the Contract for the International Carriage of Goods by Road (Geneva 19.5.1956) ighid:  "This Convention shall apply to every contract for the carriage of goods by road in vehicles for reward, when the place of taking over of the goods and the place designated for delivery, as specified in the contract, are situated in two different countries, of which at least one is a Contracting country, irrespective of the place of residence and the nationality of the parties". Il-kuntratt tal-merkanzija in kwistjoni huwa rigward garr ta' merkanzija bejn Franza u Malta u ghalhekk dik il-parti tal-vjagg li saret bl-art hija soggetta ghar-regoli tas-CMR.

Di pui il-fatt li l-kuntrattur iqabbad sub-contractor ma jfissirx illi s-CMR ma tapplikax ghall-kuntratt in kwistjoni.  Malcolm A. Clarke fil-ktieb tieghu "International Carriage of Goods by Road:  CMR" ighid f'pagni 11 u 12 illi:
"The Cmr applies to contracts of carriage, that is, to contracts whereby one party, the carrier, agrees to effect the carriage of goods from one place to another, whether personally or through the instrumentality of Sub-contractors".

Illi l-artikolu 23 tas-Cmr (kif emendat bil-Protocol ta' l-1979) ighid fil-paragrafu (3) illi l-kaz ta' total loss tal-merkanzija (bhal dak odjern ghax anke dik il-ftit merkanzija li waslet Malta ma kenitx saleable jew ta'

partial loss, "Compensation shall not, however, exceed 8.33 units of account per kilogram of gross weight short". Permezz tal-paragrafu (7): "The unit of account mentioned in the Convention is the Special Drawing Right as defined by the International Monetary Fund. The amount mentioned in paragraph 3 of this article shall be converted into the national currency of the State of the Court seised of the case on the basis of the value of that currency on the date of the judgement or the date agreed upon by the Parties."

Huwa ghalhekk ikkonkluda li peress li skond id-delivery order il-gross weight tal-merkanzija in kwistjoni kien 370 kilogrammi, il-kumpens skond is-CMR f'dan il-kaz ghandu jinhadem hekk: 370 x 8.33 SDR = 3082.1 SDR.

Minn ezami tad-dokumenti esibiti, il-Qorti tikkondividi l-fehma tal-perit legali dwar l-applikabilita` tar-regolamenti tas-CMR u ghalhekk id-danni qed jigu likwidati fl-ammont ta' 3082.1SDR li bir-rata medja ta' 1.7406 tallum stess huwa ekwivalenti ghal Lm1770.71 u dan oltre s-somma ta' Lm162.61 fuq imsemmija, b'kollox ghalhekk Lm1933.32.

Ghal dawn il-motivi:-

Tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet attrici u

(1) tiddikjara lis-socjeta` konvenuta Express Trailers Ltd. responsabbli ghan-nuqqasijiet u hsarat fil-merkanzija u ghad-danni konsegwenzjali,
(2) tillikwida d-danni fl-ammont ta' Lm1933.32.
(3) tikkundanna lis-socjeta` konvenuta Express Trailers Ltd. thallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' Lm1933.32 bl-imghax millum.

Bl-ispejjez kontra s-socjeta` konvenuta Express Trailers Ltd.

Onor. Imhallef
Dottor David Scicluna

D/Registratur